MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2012

Numru. 44/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank A. Tabone)**

**vs.**

**Lorry Buttigieg**

Numru: 44/2012

Illum 11 ta’ Dicembru 2012

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Lorry Buttigieg**, ta’ tlieta u ghoxrin (23) sena, bin Joseph u Jane neé Mizzi, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar it-18 ta’ Frar 1989, u residenti fil-fond “Our Nest”, Triq ta’ Kassja, Qala, Ghawdex, detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-Numru 13989G, akkuzat talli nhar il-5 ta’ Mejju 2012 u fix-xhur ta’

qabel gewwa The Best Sphinx Pastizzerija fi Triq Taht Putirjal, fir-Rabat, Ghawdex b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. ikkometta serq ta' flus kontanti liema serq huwa aggravat bil-persuna, bil-hin u bil-valur, liema valur jammonta ghal aktar minn elfejn, tlitt mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€ 2329.37) ghad-detriment ta' Joseph Portelli (ID Nru. 295695(M)) u/jew persuni ohra.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet ix-xiehda prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*fol.* 54) li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 18, 261(c), (d) u (f), 267, 268(a) u (d), 270, 279, 280(1), 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
(b) Artikoli 31 u 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja (*fol.* 56).

Rat li waqt is-seduta tal-10 ta' Lulju 2012, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u li kkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet lil *parte civile* Joseph Portelli jiddikjara s-segwenti: *"ghamilna ftehim li jaghtini l-flus u jmut kollox, nahfirlu u ma baqghaliex interess f'dan il-kaz"* (*a fol.* 47). Semghet lill-istess *parte civile* jiddikjara illi hu rcieva l-hlas ta' elfejn Euro (€ 2000) mill-imputat u li ma kellux aktar interess f'dawn il-proceduri (*a fol.* 48).

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: il-fedina penali tal-imputat (li hija wahda nadifa), l-ammissjoni tieghu f'dawn il-proceduri, dak li ddikjara l-*parte civile* rigward il-ftehim milhuq bejnu u bejn l-imputat (u li saret riferenza ghalih aktar qabel f'din is-sentenza) u kif ukoll il-fatt li l-imputat iddikjara li ma kellux aktar interess f'dawn il-proceduri in segwitu tal-ammont imhallas lilu mill-imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tal-24 ta' Awwissu 2012 u senjatament Artikoli 18, 261(c), 261(d), 261(f), 267, 268(a) u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal erba' (4) snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien erba' snin millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------